**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

---

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 59** -L-Erbgħa 15 ta' Novembru 2023 fit-3:30pm.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem L-Erbgħa 15 ta' Novembru 2023 fit-3:30pm.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

## 59.1 Talba

59.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

## 59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

59.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

## 59.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

59.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

## 59.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

59.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-iskema tas-CCTV madwar il-lokalita' u li ġiet approvata u ser jingħatalna l-ammont ta' €13,000 biex inkunu nistgħu nwettquhom.

59.4.2 Is-Sindku spjega l-introduzzjoni tas-sistema ġdida ta' School Grannies li ser taħdem billi persuni anzjani jassistu fid-dħul u l-ħruġ tat-tfal tal-iskola. Din l-iskema ser tagħti xi remunerazzjoni żgħira u fl-istess ħin minbarra li jkunu qed jgħinu lit-tfal ikunu qed inżommu l-anzjani attivi.

59.4.3 Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li kellu huwa flimkien mal-Kunsillier Teddy Saliba ma' delegazzjoni mill-Macedonia li għamlet żjara f'Għawdex.

**59.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

59.5.1 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex issir bozza ġdida fi Triq il-Ġnien faċċata tas-central strip tal-mosaic.

59.5.2 Il-Kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għal ħtieġa ta' bozza ġdida ħdejn it Torri ta Fantin. Sar qbil li qabel napprovaw din it-talba jinħtieġ li naraw jekk hux verament hemm il-ħtieġa.

59.5.3 Il-Vici Sindku Franco Ciangura talab sabiex issir pipe tal-ħadid ma' bankina fi Triq Gużeppi Cali peress li qed jaħbtu magħha u kissrulu l-bankina.

59.5.4 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għal fatt li l-istatwa tal-mara tal-bronz tal-monument tal-Pjazza qed tiċċaqlaq biex naraw li nirfduha sew.

**59.6 Korrispondenza**

59.6.1 Ma kienx hemm korrispondenza mportanti x'ngħaddu f'din il-laqgħa.

**59.7 Milied f'Għajnsielem 2023**

59.7.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-Attivitajiet tal-Milied, u sar qbil li fost l-oħrajn għandna ntellgħu l-attivita' għall-anzjani, tfal, sportsday, dawra mar-raħal permezz tat-train, tqassim rigali b'Santa Clause lejliet il-Milied, inawgurazzjoni tas-Siġra tal-Milied, u l-inawgurazzjoni ta' Bethlehem.

59.7.2 Sar qbil li għall-inawgurazzjoni tas-Siġra għandna nistiednu lill-Ministru għal Għawdex u lis-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli u lill-MTA. Sar qbil li bħala entertainment nġibu lill-Joygivers jallegraw is-serata u tippreżenta s-serata Lorietta Buttigieg.

59.7.3 Għall-inawgurazzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem sar qbil li għandna nistiednu lill-Prim Ministru ta' Malta Robert Abela biex ikun hu li jinawguraha flimkien mall-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri, is-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli u l-Ministru tat-Turizmu Clayton Bartolo. Sar qbil li s-Sur Lelio Spiteri għandu jippreżenta l-inawgurazzjoni.

59.7.4 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-programm tal-Milied li ser jiġi stampat u jitqassam f'kull dar. Il-kontenut tal-attivitajiet ġew approvati.

59.7.5 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li wara komunikat mill-Viċi Sindku Franco Ciangura mal-MTA, dawn aċċettaw li jgħinuna fl-ispejjes tal-Milied f'Għajnsielem u bgħatulna kuntratt ta €3000 bil-kundizzjoni li l-Logo ta' Visit Malta tidher fuq il-posters u promozzjoni. Sar qbil li bħala kumplament tal-ispejjes għat-tiżjin u attivitajiet tal-Milied għandna kemm jista jkun inżommu mal-għotjiet li ngħatajna mill-Ministeru għal Għawdex u mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għat-total ta' €35,000.

59.7.6 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrimarka wkoll li bħala Events Team Għajnsielem ser jibgħatu ittra għall-isponsors li ser jidhru fuq il-flokkijiet li ser jagħmlu u fuq billboard tal-isponsors.

**59.8 Gieħ Għajnsielem**

59.8.1 Sar qbil li l-attivita' tal-għoti ta' Ġieħ Għajsielem għandna tinżamm fis-sala tal-Każin tal-Banda nhar l-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2023 fis-7:00pm.

59.8.2 Il-Kunsill għadda ghall-votazzjoni għal Ġieħ Għajnsielem 2023, u wara li saret votazzjoni sigrieta, ir-rebbieħ ta' Gieħ Għajnsielem 2023 ġie kkonfermat is-Sur Paul Stellini.

59.8.3 Dak il-ħin stess is-Sur Stellini ġie nfurmat li huwa r-rebbieħ.

**59.9 Evalwazzjoni tal-offerti/stimi**

59.9.1 Saret evalwazzjoni tal-offerti mitfugħa . L-offerti mitfugħa kienu:-
Planters - Progett Amppa. Wara li għalqet l-offerta għall-planters taħt il-proġett Amppa, l-offerti mitfugħa kienu mingħand:-

- Care Systems : €5147
- DK JV : € 6748.50
- Xerri Landscaping Ltd : €7890

59.9.2 Il-Kunsill qabel li għandha ssir evalwazzjoni ta' din l-offerta.

**59.10 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

59.10.1 Ġew approvati l-pagamenti tal-iskeda numru 127.

**59.11 Materji oħra**

59.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber infurmat lill-Kunsill li ser issiefer f'tul ta' tlett ġimghat bejn it-18 ta' Novembru 2023 u s-6 ta' Dicembru 2023. Ghalhekk il-Kunsill qabel li għandu jaħtar lid-Deputat Segretarju Joseph Ciantar sabiex iservi f'din il-kariga f'dan il-perijodu.

## 59.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

59.12.1 Il-laqgha ntemmet fis-6:30pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**